MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Talba Numru. 154/2009

**Cinque Stelle Limited ( C26073)**

**vs**

**Salvina Rapa (ID. 0141370M)**
**u Alexander Camilleri (ID. 0149378M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ €2180 rapprezentanti prodotti u materjal ordnati mill-konvenuti f’April, 2008 kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba a fol. 2 tal-atti.

Illi meta s-socjeta’ attrici marret biex tikkonsenja dawn l-istess prodotti u materjali li kienu gew imlestija partikolarment ghall-konvenuti, l-istess konvenuti ddikjaraw illi ma rieduhomx bil-konsegwenza li s-socjeta’

attrici dahlet fi spejjez inutilement minhabba l-agir tal-konvenuti.

Illi minkejja diversi interpellanzi minn naha tas-socjeta' attrici il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-Ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Awissu, 2008 '**Dok. CS 2'** u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi pprezentat kontestwalment.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn ecceppew illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-eccipjenti ma ordnaw ebda materjal minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandhom jigu tenuti li jhallsu ebda ammont reklamat mis-socjeta' attrici.

Illi effettivament l-eccipjenti kienu talbu biss stima minghand din is-socjeta' ghal xi materjal, izda qatt ma ghamlu ebda ordni, illi ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema x-xhieda ta' Nicola Romano u ra x-xhieda ta' Salvina Rapa u Alexander Camilleri.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA**

Illi din il-kawza titratta dwar ordni ta' materjal u prodotti li allegatament saret mill-konvenuti liema ma ttiehdetx.

Illi mill-provi attrici jirrizulta illi hijha kellha procedura skont dokument ezebit in atti li jindika li meta dan id-dokument ma jkunx iffirmat ghandu jitqies bhala stima izda meta tkun iffirmata tkun ordni. Illi fil-kaz in kwistjoni, s-socjeta' attrici qalet li kienet ippreparat u halltet iz-zebgha ordnata mill-konvenuti u li sal-lum ma kienetx imhallsa mill-konvenuti. Illi skont dokument ezebit in atti, dan id-dokument jindika kopja ta' *'Invoice/Cash Sale'* iffirmata minn S Rapa.

Illi skont sid il-hanut, Nicola Romano qal illi dan id-dokument huwa fattura ghaliex kieku kien stima kien jikteb il-kliem stima minfok il-kliem stampati '*Invoice/Cash Sale*.' It-Tribunal jirrilleva lli *' a tempo vergine* ' fir-rapport li Romano ghamel l-Ghassa tal-pulizija tal-Qawra, kien nizzel li kien ta lil-konvenuti stima u li kellhom jigi jhallsu 'deposit.' Illi fid-dokuemnt ezebit mat-talba fil-fattura hemm indikat illi thallas '*deposito*' ta' €700, izda meta t-Tribunal sema lil Romano jixhed fi-fatt semghu jghid illi '*deposit'* ma kienx ghadu thallas u li l-konvenuti kellhom jigu l-ghada sabiex ihallsu dan l-ammont. Fl-istess stqarrija hemm imnizzel illi l-ghada li kienet inharget il-fattura minn Romano, l-istess Romano cempel lill-konvenuti sabiex isaqsihom jekk kienux ghadhom interessati fix-xoghol u qalulu li le.

Illi mill-provi tal-konvenuti jirrizulta lli huma kienu marru fil-hanut tas-socjeta' attrici ghal stima biss. Xehdu illi Salvina Rapa kienet iffirmat dak id-dokument ghaliex l-attur kien eziga firma minn ghandhom. Intqal illi huma kienu hassewhom strambi jiffirmaw stima izda peress illi huma ma kienux jfhmu tant bit-Taljan hassewhom kostretti jiffirmaw, izda l-intenzjoni taghhom meta marru f'dan il-hanut kienet li jsaqsu ghal stima. Illi l-konvenuti qatt ma nghataw kopja ta' din l-istima minn Romano.

Illi mill-provi tal-konvenuti jirrizulta li din l-istima kellhom bzonnha ghal fond li huma kienu qieghdin jirrangaw fl-Mtarfa. It-Tribunal jirrilleva lli ghalkemm huma qalu li kienu qieghdin jiffirmaw stima, d-dokument ezebit jindika li kienet '*invoice/cash sale'* u mhux '*quotation*.' Izda fl-istess dokument hemm ukoll imnizzel li thallas '*deposito*' (il-

kelma Taljana ghal-‘depozitu’ wzata mill-attur fid-dokument imsemmi) meta fil-fatt ma kien ghadu thallas xejn.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-pern ta’ din il-vertenza hija jekk dak id-dokument huwiex indikazzjoni ta’ stima jew fattura.

Lit-Tribunal jidhirlu lli mix-xhieda kollha inkluzi d-dokumenti ezebiti, r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici s-Sur Romano ma aggixxiex korrettement. Illi fil-waqt illi qal illi huwa kien l-ewwel tahom stima, jirrizulta illi fil-fatt dik l-istima kienet inkitbet direttament fuq ‘*cash sale/invoice’* u qatt ma kienet inkitbet stima separata. Illi jirrizulta lit-Tribunal li kif appena Romano nizzel il-materjal u prodotti rikjesti mill-konvenuti fuq id-dokument ezebit, huwa ppretenda li dik kienet ordni.

Intqal ukoll mill-konvenuti illi l-ghada kien cemplilhom Romano fejn qalulu lli huma ma kienux interessati bl-istima tieghu u ma riedux jikkompletaw l-ordni w ghalihom ma kienx hemm kwistjoni. Qalu ukoll illi xi gimghat wara kienu cemplulhom il-Pulizija dwar dan il-kaz izda huma kienu spjegaw lill-Pulizija li huma kienu talbu biss stima minn Romano u qatt ma kkonfermaw ordni tant illi qatt ma hallsu ‘*deposit.*’ Lit-Tribunal jirrizulta illi n-negozjati fil-hanut kienu saru bil-lingwa Taljana, lingwa li ma tantx jifhmu biha l-konvenuti . Illi in oltre irrizulta lit-Tribunal illi ghalkemm fl-istqarrija lill-Pulizija, Romano nizzel id-dettalji kollha li kienu jinsabu fid-dokument ukoll ezebit in atti, hekk imsejjah ‘*invoice/cash sale’* fl-istess dokument tnizzel li thallas depozitu li fil-fatt qatt ma thallas.

Lit-Tirbunal jidhirlu illi ghalkemm quddiemu ghandu dokument iffirmat mill-konvenuti ma jistax ma jikkunsidrax ic-cirkostanzi ta’ kif inkiteb u gie iffirmat dan id-dokument. Primarjament it-Tribunal ghandu jikkunsidra illi ghalkemm Romano qal illi huwa ta lill-konvenuti stima, fil-fatt huwa kien nizzel id-dettalji ta’ stima direttament fuq l’*invoice/cash sale* ezebita. Nizzel ukoll illi thallas ‘*deposit*’ ta’ €700, ammont li fil-fatt qatt ma thallas. Fl-istess hin kien gieghel lill-konvenuti jiffirmaw dokument taht il-pretensjoni lli kienu qieghdin jiffirmaw stima ghalkemm

ghandu jinghad ukoll illi l-konvenuta Rapa messa nsistiet ma Romano jekk kemm-il darba ma dehrilhiex li kellha tiffirma. Irrizulta ukoll illi dan id-dokument l-anqas ghandu indirizz tal-konvenuti izda hemm biss numru ta' mobajl.

It-Tribunal wara li sema' u evalwa l-provi bir-reqqa ma jistax jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa jekk ihares biss lejn id-dokument li ngab bhala prova ta' bilanc dovut mill-konvenuti jekk kemm-il darba ma jevalwax dak li ntqal quddiemu. Illi l-prova li ngabet quddiem dan it-Tribunal ghalkemm iffirmata ma jidhirlux li hija konklussiva jew li tirrifletti  dak li kien qieghed jinghad bejn il-partjiet. Illi l-kommunikazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx wahda felici peress illi Romano li jitkellem bil-Malti sewwa insista kemm mall-klijenti kif ukoll quddiem dan it-Trirbunal li jitkellem bil-lingwa Taljana.

It-Tribunal jirrilleva ukoll illi l-ewwel darba li Romano kien xehed quddiem dan it-Tribunal diversament ppresjedut huwa kien xhed bil-lingwa Maltija u qal li jifhem bil-Malti. Illi fl-istqarrija lill-Pulizija hemm imnizzel illi huwa twieled Malta izda mall-konvenuti insista li jinnegozja bil-lingwa Taljana u li in oltre quddiem dan it-Tribunal fi Frar, 2010, Romano stqarr lit-Tribunal illi xtaq jixhed bil-lingwa Taljana ghalkemm jifhem ftit bil-Malti. Quddiem it-Tribunal dawn l-inkonsistenzi anke dwar lingwa ta' komunikazzjoni idghajjfu l-kredibbilita' tax-xhud principali tas-socjeta' attrici.

Illi lit-Tribunal jidhirlu illi meta l-ghada huwa kien cempel lill-konvenuti sabiex jara fejn kellu jikkonsenja l-ordni qalulu lli ma kienux interessati. Illi skont is-socjeta' attrici l-prodotti u materjali kollha ghadhom jinsabu ghand is-socjeta' attrici u li kient inkorriet danni in konsegwenza tal-fatt illi din l-allegata ordni qatt ma giet kompletata. Illi skont Romano l-procedura li  kien juza fil-hanut kienet illi meta '*invoice/cash sale'* ma tkunx iffirmata tghodd bhala stima u meta tkun iffirmata tghodd bhala '*invoice.*' Din il-verzjoni ma taqbilx ma dik li nghatat '*a tempo vergine'* minnu meta ghamel l-istqarrija mall-pulizija u  qal li kien tahom stima. Illi fil-fehma tat-Tribunal s-socjeta' attrici ma kienetx cara mall-klijenti taghha meta huma marru

ghandha biss ghal stima. Illi wara li sema' u evalwa l-provi kollha li ngabu quddiemu,  t-Tribunal jemmen lill-konvenuti meta qalu lli huma kienu marru biss ghal stima u mhux ghal ordni tant illi ma kienux hallsu 'depozitu' u l-anqas ma tawh indirizz fejn kellhom jigu kkonsenjati l-prodotti. Jemmen ukoll illi kienu rawha stramba li kellhom jiffirmaw l-istima. L-izball taghhom huwa li ma rawx illi dak li kienu qieghdin jiffirmaw ma kienx jissejjah '*quotation*' izda kien jissejjah '*invoice/cash sale*.' Izda ghalkemm hemm firma ta' wahda mill-konvenuti ma jfissirx illi dan id-dokument ghandu jitqies bhala l-uniku prova konklusiva ghal dan il-kaz. It-Tribunal wara li ra bir-reqqa x-xhieda l-ohra kollha in atti, ra illi Romano wera inkonsistenza meta ghazel li jixhed bil-lingwa Taljana quddiem dan it-Tribunal fit-3 ta' Frar, 2010 ghaliex tah x'jifhem illi ta x'jifhem illi kien iktar komdu bit-Taljan, kif ukoll meta tratta mall-klijenti tieghu. Skont l-istqarrija lill-Pulizija huwa twieled Malta u meta xehed ghall-ewwel darba f'dan it-Tribunal diversament presjedut fl-1 ta'Gunju, 2009 huwa kien xehed bil-lingwa Maltija.  Hi l-fehma tat-Tribunal li dawn  l-inkonsistenzi icekknu l-kredibilita' tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

It-Tribunal jikkonkludi  lli s-socjeta' attrici ma ppruvatx illi nkorriet spejjez ghall-allegata ordni tal-konvenuti meta kollox fil-fehma tat-Tirbunal seta' facilment jinxtara '*off the shelf.*' Illi t-Tribunal jirrilleva wkoll illi Romano qatt ma ezebixxa l-istima li Romano semma fl-istqarrija lill-Pulizija ghaliex fil-fehma tat-Tribunal Romano qatt ma kien ipprepara stima separata izda uza l-istess dokument ipprezentat quddiem dan it-Tribunal meta nnegozja mall-konvenuti u tahom l-istima u cioe' l-*'Invoice / Cash Sale'.* Illi fil-fatt huwa ammetta fix-xhieda tieghu tul il-mori tal-kawza illi l-procedura li kien jaddotta fil-hanut kienet illi meta '*invoice/cash sale'* ma kienetx tkun iffirmata hija prova ta' stima u meta kienet tkun iffirmata din kienet 'tkun prova ta' fattura'. Illi procedura tali hija biss tajba sabiex thawwad l-imhuh tal-klijenti u sabiex tati lok ghas-socjeta' attrici li  tuza tali dokument kif jaqbel lilha.

Fic-cirkostanzi tal-kaz lit-Tribunal ma jidhirlux illi s-socjeta' attrici aggixxiet korettement mall-klijenti taghha u  jemmen li l-konvenuti gew ingannati meta gieghelhom jiffirmaw l-

allegata stima li fil-fatt la kienet '*invoice*' u l-anqas ma kienet semmaj *'order form*. '

It-Tribunal jiddikjara '*arbitrio boni viri'* illi d-dokument ezebit bhala prova mis-socjeta' attrici mhux prova konklussiva t' ordni mill-konvenuti partikolarment meta l'hekk imsejjah depozitu ta' €700 iddikjarat fuq l-istess dokument qatt ma thallas.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal jikkonkludi lli s-socjeta' attrici ma nkorriet ebda telf u li l-prodotti u materjal ghadhom sal-lum jistghu jinsabu fil-pussess taghha u li bejn il-partijiet qatt ma sehh att ta' bejgh. Konsegwentement, il-konvenuti ma dahhlu f'ebda obbligu kuntrattwali mas-socjeta' attrici u li qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejniethom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, is-socjeta' attrici naqset milli tipprova dan il-kaz u ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad t-talba attrici fil-waqt illi jillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-Ispejjez sopportati mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------